AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2903

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-27 ta' Ottubru, 2026, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 18 ta' Frar, 2027, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-proprjetà li tikkonsisti minn appartament fit-tielet sular (second floor) inkluż żewġ ikmamar tal-bejt (washroom) kif suġġetti għad-drittijiet favur terzi kif imsemmija iktar 'l isfel, u parti indiviża tal-komun. L-appartament huwa internament immarkat bin-numru tlieta (3) u bl-isem 'Redeemer Flat', u jinsab fuq in-naħa tax-xellug meta tħares lejn il-faċċata, formanti minn kumpless ta' bini li jikkonsisti f'terran u garaxx fl-ewwel sular b'entratura privata, żewġ appartamenti sovrastanti fit-tieni sular u żewġ appartamenti fit-tielet sular, wieħed minn dawn tal-aħħar tnejn huwa l-appartament numru tlieta (3), aċċessibbli minn entratura komuni fl-ewwel sular li tinsab bejn il-pjan terran u l-garaxx, f'Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq, l-imsemmi appartament huwa konfinanti min-Nofsinhar mal-imsemmija triq, mal-Lvant ma' proprjetà tal-werrieta ta' Luigi Ellul u mal-Punent ma' proprjetà ta' Emanuel Spiteri, kif suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €5.43 fis-sena, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, u bl-arja.

Is-sehem indiviż tal-partijiet komuni u servizzi jikkonsisti minn entrata, tromba tat-taraġ u kamra fuq it-taraġ li tagħti aċċess għal bejt. It-taraġ ta' tliet sulari jibda mit-terran (aċċessibbli minn entrata/bieb ta' barra tal-komun), u jkompli sal-livell tal-bejt. L-appartament numru wieħed (1) u l-maisonette tal-pjan terran ukoll igawdu d-dritt li jinstallaw tank tal-ilma, aerial/satellita, eċċ., u dritt ta' aċċess għal tiswija u manutenzjoni għall-istess, fuq l-ogħla saqaf jew waħda mill-kmamar tal-ħasil.

L-appartament numru tlieta (3) għandu s-saqaf u l-ispazju tal-ajru kollu fejn it-terzi (sidien ta' appartament numru 1) għandhom dritt għal użu u aċċess inperpetwu għall-kamra tal-bejt ta' ċirka 12.87 metru kwadru u l-parti mill-bejt li hija l-parti diviża tal-istess proprjetà hija ta' ċirka 27.23 metru kwadru. Minħabba li l-arja hija żviluppabbli, il-fond jista' jiżdied b'sular ieħor, imma minħabba drittijiet tat-terzi, il-kmamar ta' fuq il-bejt eżistenti jridu jerġgħu jinbnew fuq is-saqaf tas-sular il-ġdid li jista' jinbena, u dan kif deskritt fl-atti tan-Nutar Joseph Debono datat il-ħdax ta' Lulju, tas-sena elfejn u sebgħa (11.7.2007) u stmat li jiswa mitejn u sittin elf ewro (€260,000).

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 27th October, 2026, on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Thursday, 18th February, 2027, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property:

The property which consists of an apartment on the second-floor level, including two washrooms, as subject to third party rights as mentioned hereunder, and the undivided share of the common area. The apartment is internally marked number three (3) and is named 'Redeemer Flat' and is situated on the left side when one looks towards the facade, forming part of a complex of building consisting of a ground floor and a garage at ground floor level with a private entrance, two apartments underlying the first floor and two apartments on the second floor, one of the latter two is the apartment number three (3), accessible from a common entrance at ground floor level, which is situated between the ground floor level and the garage, in Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq, the said apartment is bounded on the south with the said street, east with property of the heirs of Luigi Ellul and west with property of Emanuel Spiteri, as subject to the annual and perpetual ground rent of €5.43 each year, with all its rights and appurtenances, and with its airspace.

The undivided share of the common parts and services consists of an entrance, stairwell, and a room on the stairs giving access to the roof. The three flight stairs start from the ground floor (accessible from an entrance/common area front door) and continues till the roof level. The apartment number one (1) and the maisonette at ground floor level all enjoy the right to install a water tank, aerial/satellite, etc., and the right to access for repairs and maintenance of the same, on the highest roof or one of the washrooms.

The apartment number three (3) has the roof and all the airspace where the third parties (owners of apartment number 1) have the perpetual right of use and access to the washroom of approximately 12.87 square meters and part of the roof which is the divided part of the same property of approximately 27.23 square metres. Because the airspace is developable, the property may be developed by another floor, however because of third party rights, the existing washrooms on the roof shall be rebuilt on the roof of the new floor that may be built, and this as described in the acts of Notary Joseph Debono dated eleventh of July of the year two thousand and seven (11.7.2007) and is valued at two hundred and sixty thousand euro (€260,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Pace Brian (KI 385381M) u Pace Mary Fleur (KI 475679M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 45/2020.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 2 ta' Novembru, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The said tenement is the property of Pace Brian (ID 385381M) and Pace Mary Fleur (ID 475679M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 45/2020.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 2nd November, 2026

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2904

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-30 ta' Ottubru, 2026, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika tal-intimat Kevin Debattista skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Id-Direttur, Qrati u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati u Tribunali vs Kevin Debattista (KI 102775M) ippreżenta rikors fil-5 ta' Awwissu, 2026, fejn talab lill-Qorti sabiex:

1. Issib lill-intimat ħati ta' disprezz kontra l-Awtorità tagħha ai termini tal-Artikolu 997 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Timponi kwalunkwe ordni oħra meħtieġa fuq l-intimat ai termini tal-artikolu 997 subartikolu (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż billi tiffissa terminu perentorju sabiex kwalunkwe ordni mogħtija minn din il-Qorti tiġi sodisfatta.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat, li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri skont il-liġi.

Ir-rikors fl-ismijiet premessi (Rikors numru 144/2026CZ) huwa differit għad-9 ta' Novembru, 2026, fil-11.10 a.m.

Rikorrenti: Il-Qrati ta' Malta, Il-Belt Valletta

Notifika: Kevin Debattista, 26, Amarillis, Triq il-Barrada, In-Naxxar

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 3 ta' Novembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 30th October, 2026, the publication of the following extract was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Kevin Debattista in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

The Director, Civil Courts and Tribunal as Registrar, Civil Courts and Tribunals vs Kevin Debattista (ID 102775M) filed an Application on the 5th August, 2026, whereby asked the Court to:

1. Find the respondent guilty of contempt of court towards it in terms of Article 997 et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta;

2. Impose any other order as required on the respondent in terms of Article 997 sub-Article (2) of Cap. 12 of the Laws of Malta, including by setting a peremptory period so that any order given by this Court is complied with.

With costs against the respondent, who is from now summoned so that a reference to his oath be made and saving any right of further action according to law.

The case in the names as premised (Application number 144/2026CZ) is postponed to the 9th November, 2026, at 11.10 a.m.

Applicant: Il-Qrati ta' Malta, Valletta

Notification: Kevin Debattista, 26, Amarillis, Triq il-Barrada, Naxxar

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 3rd November, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals